**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Josef Vincenti**

**Kumpilazzjoni 146/2018**

**Illum 22 ta' Mejju 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Josef Vincenti** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 298387 (M) billi huwa akkuzat talli:

1. F'dawn il-gzejjer bhala persuna responsabbli li zzomm jew jaqbel li jzomm l-annimali, halla annimal jigi mgieghel isofri wgiegh, tbatija jew dwejjaq minghir bzonn u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Aktar talli fl-istess data, hin lok u cirtkostanzi bhala persuna responsabbli li zzomm jew jaqbel li jzomm l-annimali, ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur tal-Arikolu 8(3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Aktar talli fl-istess data, hin lok u cirtkostanzi bhala persuna responsabbli li zzomm jew jaqbel li jzomm l-annimali, kellu jiehu

dawk il-passi rageonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizgura li l-htigijiet ta' annimali li hu responsabbli ghalih jew li jaqbelli jiehu hsiebu, jintlahaq hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l- benesseri tal-annimal li jinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana , lok sabiex l-annimal jesprimi l-imgieba normali tieghu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali ohra fejn mehtieg u protezzjoni minn ugiegh, tbatija, korrimenti u mard u dan bi ksur tal- Arikolu 8(4) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba li titratta lil imputat bhala wiehed recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligiejit ta' Malta , wara li gie misjub hati b' sentenza tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittiva u ma jisghux jigu mibdula.

Ukoll illi f'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-pieni preskritti taht is-subartikoli, jkun ordnata mill-Qorti li jhallas l-ispejjez imgarrba ghat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess mahrug ghall-operat ta' kull attivitá regolata taht l-Att 439 u ghal spejjez ohra ragonevoli kif il-Qorti jidrilha xieraq skond l-artikolu 45 (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ukoll il-Qorti giet mitluba  sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tirdna lil imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat :**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-

twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 8(2), 8(3) 8(4) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati u twahhlu multa ta elf ewro (€1000) li ghandhom jithallsu hamsin (€50) ewro fix-xahar.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**